KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fit-28 ta' Marzu 2019 [1]

Kawża C-680/17

Sumanan Vethanayagam
Sobitha Sumanan
Kamalaranee Vethanayagam
vs
Minister van Buitenlandse Zaken

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats Utrecht (il-Qorti Distrettwali, Den Haag, seduta f'Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Kodiċi dwar il-Viżi — Artikolu 32 — Ħruġ ta' viża Schengen miċħud — Dritt ta' appell — *Locus standi* — Artikolu 8 — Ftehimiet ta' Rappreżentanza — Awtorità kompetenti — Stat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni finali li tiċħad ħruġ ta' viża"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats Utrecht (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag seduta f'Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi), (iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tiċċara s-sistema legali applikabbli għall-ħruġ u ċ-ċaħda ta' viżi skont ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi dwar il-Viżi") [2]. Primarjament, ir-rinviju huwa dwar żewġ aspetti ta' dik is-sistema. L-ewwel wieħed huwa dwar il-ftehimiet ta' rappreżentanza konsulari bejn l-Istati Membri għall-finijiet ta' ħruġ u ċaħda ta' viżi f'pajjiżi terzi fejn l-Istat Membru kompetenti nnifsu ma jkollux preżenza konsulari u kemm tkun kbira tali rappreżentanza. It-tieni aspett huwa relatat ma' appelli kontra deċiżjonijiet ta' ċaħda għal ħruġ ta' viża u b'mod iktar partikolari (i) biex jiġi ddeterminat liema Stat Membru għandu jieħu d-deċiżjoni finali meta jkun hemm fis-seħħ ftehim ta' rappreżentanza u, b'hekk huwa jkun kompetenti jisma' appell kontra dik id-deċiżjoni u (ii) jekk sponsors għandhomx *locus standi* biex jappellaw f'isimhom proprju kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 (ĠU 2009, L 243, p. 1), l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2016, L 77, p. 1).

Il-kuntest ġuridiku

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

2. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropa jgħid li kull persuna li jinkisrulha d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mil-liġi tal-Unjoni għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti [3]. It-tielet subparagrafu tiegħu jgħid li għandha tingħata għajnuna legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed fil-każijiet fejn din l-għajnuna tkun meħtieġa biex ikun żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja.

3. Skont l-Artikolu 51(1), id-dispożizzjonijiet tal-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji tal-Unjoni. Huma japplikaw għall-Istati Membri biss meta huma jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni.

Il-Kodiċi dwar il-Viżi

4. Il-Kodiċi dwar il-Viżi kienet adottata fuq il-bażi legali tal-Artikolu 62(2) TKE (illum l-Artikolu 77 TFUE) [4] u l-għan tagħha, bit-twaqqif ta' korp komuni ta' leġiżlazzjoni, huwa l-promozzjoni ta' "aktar żvilupp tal-politika komuni dwar il-viżi bħala parti minn sistema fuq ħafna livelli li għandha l-għan li tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u tittratta l-immigrazzjoni illegali permezz ta' aktar armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali u tal-prattika ta' trattament fil-missjonijiet konsulari lokali" [5].

5. Il-premessa 4 tgħid li "L-Istati Membri għandhom ikunu preżenti jew rappreżentati għall-finijiet ta' viża fil-pajjiżi terzi kollha li ċ-ċittadini tagħhom huma suġġetti għal rekwiżiti ta' viża. L-Istati Membri li m'għandhomx konsulat tagħhom stess f'pajjiż terz partikolari jew f'ċerta parti ta' pajjiż terz partikolari għandhom jimpenjaw ruħhom biex jikkonkludu arranġamenti dwar rappreżentanza sabiex jiġi evitat sforz sproporzjonat min-naħa tal-applikanti għal viżi biex ikollhom aċċess għal konsulati".

6. Il-premessa 13 telenka d-diversi forom ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li għandhom ikunu previsti, bħal, *inter alia*, rappreżentanza limitata, Ċentri Komuni ta' Applikazzjoni u kooperazzjoni ma' fornituri esterni tas-servizzi. L-Istati Membri jkunu liberi jiddeterminaw it-tip ta' struttura organizzattiva li ser jużaw f'kull wieħed mill-pajjiżi terzi.

7. Skont il-premessa 18 "[m]inħabba d-differenzi fiċ-ċirkostanzi lokali, l-applikazzjoni operattiva ta' dispożizzjonijiet leġislattivi partikolari għandha tkun evalwata fost il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri f'postijiet individwali sabiex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet leġislattivi biex jiġu evitati l-visa shopping u trattament differenti tal-applikanti għal viża".

8. Il-premessa 22 tgħid li biex tkun żgurata l-applikazzjoni armonizzata tal-Kodiċi dwar il-Viżi f'livell operattiv, għandhom jitfasslu struzzjonijiet dwar il-prattika u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-Istati Membri meta jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal viża.

3 ĠU 2010 C 83, p. 389 (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Dak id-dritt huwa bbażat fuq l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. (iktar 'il quddiem il-"KEDB'). Ara Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali b'rabta mal-Karta (ĠU 2007 C 303, p. 17) ("Spjegazzjonijiet dwar il-Karta").

4 Premessa 2.

5 Premessa 3, li tiċċita l-punt 1.7.3 tal-Programm tad-Den Haag: it-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2005 C 53, p.1, "il-Programm ta' Den Haag")

9. Il-premessa 34 tindirizza l-pożizzjoni tal-Isvizzera. Fir-rigward ta' dak il-pajjiż il-Kodiċi dwar il-Viżi tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen [6].

10. L-Artikolu 1(1) jiddefinixxi l-għan tal-Kodiċi dwar il-Viżi bħala li jkunu stabbiliti "l-proċeduri u l-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal tranżitu mit-territorju tal-Istati Membri jew soġġorni previsti fihom, li ma jeċċedux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum". Skont l-Artikolu 1(2), dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun jeħtieġlu jkollu fil-pussess tiegħu viża skont ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 [7].

11. L-Artikolu 4(1) jipprovdi li "[l-]applikazzjonijiet għal viża għandhom jiġu eżaminati mill-konsulati li għandhom ukoll jieħdu deċiżjoni dwarhom".

12. L-Artikolu 5(1)(a) jiddefinixxi l-Istat Membru kompetenti biex jeżamina applikazzjoni għal viża uniformi u jieħu deċiżjoni dwarha bħala li jkun, *inter alia*, "l-Istat Membru li t-territorju tiegħu jikkostitwixxi d-destinazzjoni unika taż-żjara(t)". Skont l-Artikolu 5(4), l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex ma jħallux li tinqala' sitwazzjoni li fiha ma tkunx tista' tiġi eżaminata applikazzjoni u tittieħed deċiżjoni dwarha minħabba li l-Istat Membru kompetenti skont il-Kodiċi dwar il-Viżi la jkun preżenti u lanqas irrappreżentat fil-pajjiż terz fejn l-applikant jippreżenta l-applikazzjoni.

13. L-Artikolu 6(1) jipprovdi li "[a]pplikazzjoni għal viża għandha tiġi eżaminata u tittieħed deċiżjoni dwarha mill-konsulat tal-Istat Membru kompetenti li l-applikant jirresjedi legalment fil-gurisdizzjoni tiegħu".

14. Skont l-Artikolu 8:

"1. Stat Membru jista' jaqbel li jirrappreżenta Stat Membru ieħor li hu kompetenti skont l-Artikolu 5 għall-fini li jeżamina l-applikazzjonijiet u joħroġ il-viżi f'isem dak l-Istat Membru. Stat Membru jista' wkoll jirrappreżenta Stat Membru wieħed jew aktar b'mod limitat biss għall-ġbir tal-applikazzjonijiet u r-reġistrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi.

2. Meta jikkunsidra li jiċħad viża, il-konsulat tal-Istat Membru li qed jirrappreżenta għandu jippreżenta l-applikazzjoni lill-awtoritajiet relevanti tal-Istat Membru rappreżentat sabiex huma jkunu jistgħu jieħdu d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni [f'ċerti limiti ta' żmien].

[…]

4. Għandu jiġi stabbilit arranġament bilaterali bejn l-Istat Membru rappreżentant u l-Istat Membru rappreżentat li fih l-elementi li ġejjin:

(a) għandu jispeċifika t-tul ta' tali rappreżentanza, anki jekk temporanju, u l-proċeduri għat-tmiem tagħha;

6 ĠU 2008, L 53, p. 52 (iktar 'il quddiem il-"ftehim ta' assoċjazzjoni ta' Schengen bejn l-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera"). Il-manwal għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viża u għall-modifika ta' viżi maħruġa (verżjoni konsolidata tad-9 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 1620 finali tad-19 ta' Marzu 2010; iktar 'il quddiem il-"Manwal tal-Viżi"), p. 10, jispjega li għall-finijiet tal-Kodiċi dwar il-Viżi u tal-Manwal tal-Viżi il-frażi "Stati Membri" tirreferi għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen kollu kemm hu u għall-Istati assoċjati, flimkien "l-Istati ta' Schengen", u l-frażi "territorju tal-Istati Membri" tirreferi għat-territorju ta' dawk l-Istati Membri.

7 Regolament tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 65). Is-Sri Lanka hija elenkata fl-Anness I ta' dan ir-regolament bħala pajjiż terz li ċ-ċittadini tiegħu għandhom ikunu fil-pussess ta' viża.

(b) għandu [jkun] jista', b'mod partikolari meta l-Istat Membru rappreżentat ikollu konsulat fil-pajjiż terz ikkonċernat, jipprovdi għal uffiċċji, persunal u ħlasijiet mill-Istat Membru rappreżentat;

(c) għandu [jkun] jista' jistabbilixxi li l-applikazzjonijiet minn ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu trasmessi mill-Istat Membru rappreżentant lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru rappreżentat għal konsultazzjoni minn qabel […];

(d) b'deroga mill-paragrafu 2, għandu [jkun] jista' jawtorizza lill-konsulat tal-Istat Membru rappreżentant li jiċħad il-ħruġ ta' viża wara l-eżami tal-applikazzjoni.

5. L-Istati Membri li m'għandhomx konsulat tagħhom stess f'pajjiż terz għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkonkludu arranġamenti dwar rappreżentanza ma' Stati Membri li għandhom konsulati f'dak il-pajjiż.

6. Bil-ħsieb li jkun żgurat li infrastruttura ta' trasport fqira jew distanzi twal f'reġjun speċifiku jew żona ġeografika ma jeħtieġux sforz sproporzjonat min-naħa tal-applikanti tal-viża biex ikollhom aċċess għal konsulat, l-Istati Membri li m'għandhomx konsulat tagħhom stess f'dak ir-reġjun jew dik iż-żona għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkonkludu arranġamenti dwar rappreżentanza mal-Istati Membri li għandhom konsulati f'dak ir-reġjun jew dik-iż-żona.

[…]

9. Jekk il-konsulat tal-Istat Membru rappreżentant jiddeċiedi li jikkoopera ma' fornitur ta' servizzi esterni […], tali kooperazzjoni għandha tinkludi l-applikazzjonijiet koperti mill-arranġamenti dwar rappreżentanza. L-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru rappreżentat għandhom ikunu infurmati minn qabel dwar il-modilitajiet ta' din il-kooperazzjoni".

15. Il-Kapitolu II tat-Titolu III jirregola applikazzjonijiet għal viżi. L-Artikolu 11(1) ta' dak il-Kapitolu jipprovdi li applikanti għandhom jippreżentaw formola tal-applikazzjoni kif stipulat fl-Anness I. Il-formola għandha tkun disponibbli, skont l-Artikolu 11(3), fil-lingwi uffiċjali ta' (a) l-Istat Membru li għalih tkun qiegħda tintalab il-viża, (b) il-pajjiż ospitant, (c) il-pajjiż ospitant u l-Istat Membru li għalih tkun qiegħda tintalab il-viża, jew (d) l-Istat Membru rappreżentant, fil-każ ta' rappreżentanza. L-Artikolu 11(4) jipprovdi li "[j]ekk il-formola tal-applikazzjoni ma tkunx disponibbli fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-pajjiż ospitant, għandu jkun hemm disponibbli separatament traduzzjoni tagħha f'dawk il-lingwi għall-applikanti".

16. Il-Kapitolu IV tat-Titolu III għandu bħala titolu "Il-ħruġ tal-viża". L-Artikolu 32 tiegħu ("Ċaħda ta' viża") jipprovdi li:

"1. […] viża għandha tinċaħad:

(a) jekk l-applikant:

[…]

(iii) ma jipprovdix prova ta' mezzi biżżejjed ta' sussistenza, kemm għat-tul tas-soġġorn previst jew għar-ritorn tiegħu fil-pajjiż tal-oriġini jew residenza, jew għat-tranżitu lejn pajjiż terz li fih huwa żgur li jiġi ammess, jew mhuwiex f'pożizzjoni li jikseb dawn il-mezzi skont il-liġi;

[…]

2. Deċiżjoni għaċ-ċaħda u r-raġunijiet li fuqhom hi bbażata għandhom jiġu nnotifikati lill-applikant permezz tal-formola standard stabbilita fl-Anness VI.

3. L-applikanti li tkun inċaħditilhom viża għandu jkollhom id-dritt għall-appell. L-appelli għandhom jitmexxew kontra l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni u skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-applikanti b'informazzjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ ta' appell, kif speċifikat fl-Anness VI".

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen bejn l-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera

17. L-għan tal-ftehim huwa li tkun organizzata kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni prattika u l-iżvilupp ulterjuri tal-*acquis* ta' Schengen [8]. Għalhekk, skont l-Artikolu 2(1), (2) u (3) id-dispożizzjonijiet elenkati fl-Annessi A u B tal-ftehim u skont l-atti u l-miżuri tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Ewropea li jemendaw jew jibnu fuq dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu implimentati u applikati mill-Isvizzera.

18. L-Artikolu 8(1) jipprovdi li l-Kumitat Imħallat [9] għandu jagħmel reviżjoni kontinwa tal-iżviluppi fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-ġurisprudenza relatata ma' tali dispożizzjonijiet tal-qrati Svizzeri kompetenti, u li jitwaqqaf mekkaniżmu biex tkun żgurata t-trażmissjoni reċiproka regolari ta' informazzjoni dwar tali ġurisprudenza.

19. Skont l-Artikolu 8(2) l-Isvizzera għandha d-dritt li tissottometti dikjarazzjonijiet dwar każ jew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja f'każijiet fejn qorti ta' Stat Membru tkun għamlet talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2.

20. L-Artikolu 9 jipprovdi li kull sena, l-Isvizzera għandha tirrapporta lill-Kumitat Imħallat kif l-awtoritajiet amministrattivi u l-qrati tagħha jkunu applikaw u interpretaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Jekk, fi żmien xahrejn minn meta jkun innotifikat b'diverġenza sostanzjali bejn il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u dik tal-qrati Svizzeri jew b'diverġenza sostanzjali bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri konċernati u l-awtoritajiet Svizzeri fl-applikazzjoni tagħhom tad-dispożizzjonijiet rilevanti, il-Kumitat Imħallat ma jkunx jista' jiżgura applikazzjoni u interpretazzjoni uniformi, tinbeda l-proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim prevista fl-Artikolu 10. Jekk dik il-proċedura ma tirnexxix, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen bejn l-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera jintemm.

Il-ftehim ta' rappreżentanza bejn il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvizzera

21. Il-ftehim ta' rappreżentanza bejn il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvizzera applikabbli fiż-żmien rilevanti (iktar 'il quddiem il-"ftehim ta' rappreżentanza") kien daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2014. Jgħid li l-Isvizzera ser tirrappreżenta lill-Pajjiżi l-Baxxi fir-rigward tat-tipi kollha ta' viżi ta' Schengen, *inter alia*, fis-Sri Lanka.

22. Skont il-Punt 2 ta' dak il-ftehim, "rappreżentanza" tinkludi, *inter alia*, "li l-ħruġ ta' viża jiġi miċħud meta jkun xieraq f'konformità mal-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi u li jiġu ttrattati appelli, skont il-liġi nazzjonali tal-Parti rappreżentanti (Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi) […]".

8 Ara t-tmien premessa tal-ftehim.

9 Il-Kumitat Imħallat huwa stabbilit bl-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen bejn l-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera u l-mandat tiegħu huwa li jindirizza kwistjonijiet koperti bl-Artikolu 2 ta' dak il-ftehim u li jiżguraw li "kull tħassib tal-Iżvizzera jitqies kif imiss" (Artikolu 4(1)).

Il-liġi nazzjonali

23. Id-digriet tar-rinviju għandu ftit informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali applikabbli. Niftakar biss li l-Artikolu 1:2(1) tal-Algemene wet bestuursrecht (il-Liġi Ġenerali dwar id-Dritt Amministrattiv) jipprovdi li partijiet interessati skont it-tifsira ta' dak l-artikolu jistgħu jippreżentaw oġġezzjoni jew appell kontra deċiżjoni. Skont il-qorti tar-rinviju dan ifisser li fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal viżi sponsor ikun parti interessata u għandu jkun jista' jippreżenta appell kontra ċ-ċaħda ta' applikazzjoni għal viża f'ismu proprju.

Il-fatti, il-proċedura u d-domandi tar-rinviju

24. S. Vethanayagam u S. Sumanan (iktar 'il quddiem il-"koppja Vethanayagam") huma koppja miżżewġa. Huma persuni ta' nazzjonalità tas-Sri Lanka u jgħixu fis-Sri Lanka.

25. Il-koppja Vethanayagam applikat għal viżi Schengen biex iżuru lil oħthom/oħt ir-raġel, Kamalaranee. Vethanayagam (iktar 'il quddiem l-"isponsor"), ta' nazzjonalità Olandiża, u lil binha fil-Pajjiżi l-Baxxi. Minħabba li l-Pajjiżi l-Baxxi ma kellhomx servizzi konsulari fis-Sri Lanka, l-applikazzjonijiet kienu saru — abbażi tal-arranġamenti ta' rappreżentanza skont il-ftehim ta' rappreżentanza Svizzera/Olandiża — permezz ta' VFS Global f'Jaffna (fornitur barrani tas-servizz) li tittratta applikazzjonijiet għal viżi fit-tramuntana tas-Sri Lanka għall-Isvizzera.

26. Fid-19 ta' Awwissu 2016, l-applikazzjonijiet tal-koppja Vethanayagam kienu ġew miċħuda għar-raġuni li l-koppja kienet naqset iġġib prova ta' mezzi biżżejjed ta' sostenn għall-mawra prevista fil-Pajjiżi l-Baxxi, u li ma kinitx ġabet garanzija li tmur lura s-Sri Lanka skont it-tifsira tal-Artikolu 32(1)(iii) tal-Kodiċi dwar il-Viżi (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ċaħda"). Il-koppja Vethanayagam ġiet mgħarrfa li setgħet tappella mal-awtoritajiet kompetenti Svizzeri kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda.

27. Fit-2 ta' Diċembru 2016, l-awtoritajiet Svizzeri ċaħdu l-appell tal-koppja Vethanayagam u tal-isponsor (iktar 'l quddiem ir-"rikorrenti") kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda. Fis-6 ta' Jannar 2017 ir-rikorrenti talbu għal stħarriġ ġudizzjarji ta' dik id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Amministrattiva Federali (St. Gallen, l-Isvizzera). Dik il-qorti kkonstatat li r-rikorrenti ma setgħux iressqu proċeduri mingħajr ma jġarrbu spejjeż.

28. Ir-rikorrenti fl-istess waqt bdew proċeduri simili fil-Pajjiżi l-Baxxi biex jikkontestaw id-deċiżjoni ta' ċaħda. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2016, l-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi ċaħdu t-talbiet tagħhom għar-raġuni li huma ma kellhomx kompetenza fil-materja. Ir-rikorrenti ressqu proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju fejn talbu stħarriġ ġudizzjarju ta' dik id-deċiżjoni.

29. Barra minn dan il-koppja Vethanayagam u l-isponsor tagħhom applikaw għal viżi għal żmien qasir mal-Visadienst (is-Servizz għall-Viżi) fil-Pajjiżi l-Baxxi. Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Ottubru 2016, il-Minister van Buitenlandse Zaken (il-Ministru għall-Affarijiet Barranin) irrifjuta jipproċessa dawk l-applikazzjonijiet u permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2016, huwa ddikjara l-kontestazzjonijiet tar-rikorrenti kontra dik iċ-ċaħda bħala inammissibbli.

30. Ir-rikorrenti talbu wkoll għal stħarriġ ġudizzjarju ta' dik id-deċiżjoni. Huma ssottomettew li kienu l-Pajjiżi l-Baxxi, l-Istat Membru tad-destinazzjoni prinċipali tagħhom, li kellhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet tagħhom għal viżi u jittrattaw il-kontestazzjonijiet li huma kienu ppreżentaw kontra ċ-ċaħdiet għal viżi. L-Isvizzera kienet aġixxiet biss bħala r-rappreżentanti tal-Pajjiżi l-Baxxi. Iċ-ċessjoni totali ta' kompetenza u responsabbiltà għal proċeduri dwar viżi lill-Isvizzera bħala l-Istat rappreżentant kienet tmur kontra l-Artikolu 47 tal-Karta.

31. Il-Minister van Buitenlandse Zaken (il-Ministru għall-Affarijiet Barranin) oppona fis-sens li l-kompetenza biex tirċievi applikazzjonijiet għal viżi u biex tiddeċiedi dwarhom kienet ġiet ittrasferita lill-Isvizzera skont l-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Għalhekk, skont l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, appell kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża kellha tkun ippreżentata fl-Isvizzera.

32. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-interpretazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi rigward (i) il-pożizzjoni ta' sponsor f'appelli kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' applikazzjoni għal viża, (ii) il-kunċett ta' rappreżentanza skont l-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi u (iii) il-kompatibbiltà ta' dik is-sistema mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva stabbilit bl-Artikolu 47 tal-Karta. Għaldaqstant, hija għamlet id-domandi li ġejjin għal deċiżjoni preliminari:

"1. L-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprekludi li, inkwantu parti kkonċernata fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-ażil tal-applikanti, persuna ta' riferiment ikollha f'isimha stess possibbiltà ta' kontestazzjoni u ta' appell kontra d-deċiżjoni ta' rifjut ta' din il-viża?

2. Ir-rappreżentanza, hekk kif irregolata fl-Artikolu 8(4) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, għandha tinftiehem fis-sens li r-responsabbiltà hija oneru (ukoll) tal-Istat irrappreżentat jew fis-sens li r-responsabbiltà hija għalkollox ittrasferita lill-Istat rappreżentant, b'mod li l-Istat irrappreżentat ma huwiex huwa stess iktar kompetenti?

3. Fil-każ fejn l-Artikolu 8(4) *initio* u (d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jippermetti ż-żewġ tipi ta' rappreżentanza msemmija fit-tieni domanda preliminari, liema huwa l-Istat Membru li għandu jitqies bħala l-Istat Membru li ħa d-deċiżjoni finali fis-sens tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi?

4. Interpretazzjoni tal-Artikolu 8(4) u tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi li tipprovdi li l-applikanti għal viżi jistgħu unikament jippreżentaw l-appell kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-applikazzjonijiet tagħhom quddiem korp amministrattiv jew ġudizzjarju tal-Istat Membru rappreżentant u mhux fl-Istat Membru irrappreżentat li fir-rigward tiegħu saret applikazzjoni għall-viża, hija konformi mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta? Għal risposta għal din id-domanda, huwa rilevanti li r-rimedju ġudizzjarju żgurat jiggarantixxi li l-applikant għandu dritt għal smigħ, li għandu dritt li jippreżenta r-rikors f'lingwa ta' wieħed mill-Istati Membri, li l-ammont tal-ispejjeż amministrattivi u dawk legali għal proċeduri ta' appell u ta' kontestazzjoni ma jkunux sproporzjonalment għolja għall-applikant u li teżisti possibbiltà ta' għoti ta' għajnuna legali? Għal risposta għal din id-domanda, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istat Membru għandu fil-qasam ta' viża, hija rilevanti l-kwistjoni dwar jekk qorti [Svizzera] għandhiex għarfien suffiċjenti tas-sitwazzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi sabiex tkun tista' tipprovdi protezzjoni ġudizzjarja effettiva?"

33. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu ppreżentati mill-koppja Vethanayagam u mill-isponsor tagħhom flimkien, mill-Gvern Ċek, Daniż, Estonjan, Franċiż, Taljan, Olandiż, Pollakk u Svizzeru, mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew. Fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2018 il-koppja Vethanayagam u l-isponsor tagħha, il-Gvern Ċek, Daniż u Olandiż, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew għamlu sottomissjonijiet orali.

Analiżi

Osservazzjonijiet preliminari

34. Iż-żona Schengen hija mwaqqfa fuq il-Ftehim ta' Schengen tal-1985 [10], li permezz tiegħu l-Istati firmatarji qablu li jneħħu l-fruntieri interni kollha u jistabbilixxu fruntiera esterna waħda.

35. Il-Kodiċi dwar il-Viżi tiżviluppa l-*acquis* ta' Schengen għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jixtiequ jiksbu viża għal mawra qasira fiż-żona Schengen [11]. Hija tifforma parti essenzjali tal-għan biex tkun stabbilita b'mod gradwali żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja skont l-Artikolu 67 TFUE [12]. Hija tistabbilixxi sistema uniformi li permezz tagħha jinħarġu viżi validi sa tliet xhur mill-Istati Membri. Madwar 14.6 miljun applikazzjoni bħal dawn kienu ppreżentati fl-2017 fil-konsulati tal-Istati Membri [13]. L-importanza ta' din is-sistema legali hija, għalhekk ovvja.

36. Il-Kodiċi dwar il-Viżi ħadet post għadd ta' regoli li kien hemm qabel li kienu jirregolaw il-ħruġ ta' viżi mill-Istati Membri, li kien hemm f'diversi strumenti legali ta' natura legali differenti [14]. L-għan tagħha huwa, għalhekk, li ttemm ir-regoli differenti għalkollox minn xulxin li kien hemm qabel biex telimina l-visa shopping u trattament differenti għal applikanti għal viżi [15]. L-Istati parteċipanti qablu li jarmonizzaw il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' viżi għal mawriet previsti fit-territorju tagħhom [16]. Tabilħaqq, meta miżura tiġi biex tkun ikklassifikata bħala li tkun skont l-*acquis* ta' Schengen jew bħala żvilupp ta' dak l-*acquis*, għandhom jitqiesu l-bżonn tal-koerenza u l-bżonn — meta dak l-*acquis* jevolvi — li dik il-koerenza tinżamm għandu jitqies [17].

37. Madankollu, il-Kodiċi dwar il-Viżi ma ġġibx magħha armonizzazzjoni sħiħa [18]. Il-premessa 3 espressament issemmi li bit-twaqqif ta' *corpus* komuni ta' leġiżlazzjoni l-għan tal-Kodiċi dwar il-Viżi jkun il-promozzjoni ta' "iktar żvilupp tal-politika komuni dwar il-viżi bħala parti minn sistema b'ħafna livelli […] permezz ta' iktar armonizzazzjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali u prattiki ta' trattament f'missjonijiet konsulari lokali". L-applikazzjoni armonizzata tal-Kodiċi dwar il-Viżi hija ppreżentata bħala għan li għandu jintlaħaq, aktarx milli stat ta' fatt li jiġi biss minn sistema fis-seħħ permezz ta' dik il-kodiċi [19].

10 Ftehim bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija ftit ftit tal-kontroll fuq il-fruntieri komuni (ĠU 2000 L 239, p. 13). Ara wkoll il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9).

11 Premessa 3 u Artikolu 1(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Id-definizzjoni tal-*acquis* ta' Schengen tinsab fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/435/KE tal-20 ta' Mejju 1999 dwar id-definizzjoni tal-*acquis* ta' Schengen sabiex jiġi determinat, b'konformità mad-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-bażi legali għall-kull waħda mid-disposizzjonijiet jew deċiżjonijiet li jikkostitwixxu l-*acquis* (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 136).

12 Sentenza tal-10 ta' April 2012, Vo, C-83/12 PPU, EU:C:2012:202, punt 34.

13 Statistika dwar il-viżi ta' Schengen għall-konsulati — 2017. Din l-istatistika tinsab fi https://www.schengenvisainfo.com/.

14 Ara l-Artikolu 56 tal-Kodiċi dwar il-Viżi u t-tabella ta' korrelazzjoni li tqabbel il-Kodiċi dwar il-Viżi mal-miżuri ta' qabel.

15 Ara l-Premessa 18 tal-Kodiċi dwar il-Viżi, u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża El Hassani, C-403/16, EU:C:2017:659, punt 46. F'dan ir-rigward, il-Kodiċi dwar il-Viżi tirrifletti l-prijoritajiet stabbiliti fl-abbozz ta' proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarja dwar il-Viżi, COM(2006) 403 finali (iktar 'il quddiem il-"proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita kodiċi Komunitarja dwar il-Viżi"), p. 4: "Bl-inkorporazzjoni tal-istrumenti legali kollha li jirregolaw il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' viżi f'[Kodiċi dwar il-Viżi] waħda, bit-titjib tat-trasparenza u bil-kjarifika ta' regoli eżistenti, bl-introduzzjoni ta' miżuri bil-ħsieb li tiżdied l-armonizzazzjoni ta' proċeduri, jissaħħu ċ-ċertezza legali u l-garanziji proċedurali, tkun żgurata politika komuni sħiħa bi trattament ugwali għal min japplika għal viża".

16 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Vo, C-83/12 PPU, EU:C:2012:170, punt 36.

17 Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2010, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill, C-482/08, EU:C:2010:631, punt 48.

18 Ara, dwar dan, il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Vo, C-83/12 PPU, EU:C:2012:170, punt 42.

19 Ara, dwar dan, il-premessi 18 u 22 tal-Kodiċi dwar il-Viżi, u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-Kawża Koushkaki, C-84/12, EU:C:2013:232, punt 42.

38. Għalkemm mhijiex imsemmija espressament il-fiduċja reċiproka hija essenzjali għall-applikazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Il-Programm ta' Den Haag, li fuqu hija bbażata l-adozzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi [20], jisħaq dwar il-bżonn ta' progress reali u sostanzjali biex titjieb il-fiduċja reċiproka u għall-promozzjoni ta' politiki komuni [21]. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri huwa ta' importanza fundamentali fil-liġi tal-Unjoni minħabba li jippermetti tinħoloq u tinżamm żona mingħajr fruntieri interni [22]. Dan huwa partikolarment minnu fil-kuntest tal-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-Istati parteċipanti fiż-żona Schengen, li ddeċidew li jġibu fis-seħħ sistema ta' solidarjetà reali b'mod li l-effetti ta' deċiżjoni meħuda minn Stat Membru wieħed ma jkunux limitati biss għat-territorju ta' dak l-Istat Membru iżda, għall-kuntrarju, ikunu jolqtu ż-żona Schengen kollha kemm hi [23]. F'dan il-kuntest l-Istati Membri stabbilixxew il-possibbiltà li jirrappreżentaw lil xulxin biex jinħarġu u jiġu miċħuda viżi (Artikolu 8 tal-Kodiċi dwar il-Viżi) [24]. Dawk l-aspetti juru l-livell għoli ta' fiduċja reċiproka meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

Fuq l-ewwel domanda

39. Permezz tal-ewwel domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprekludix lill-Istati Membri milli jagħtu lill-isponsors ta' applikanti għal viża dritt ta' appell f'isimhom proprju kontra ċ-ċaħda ta' applikazzjoni għal viża.

40. Il-Gvern Olandiż u l-Kummissjoni jissottomettu li dik id-domanda mhijiex rilevanti f'din il-kawża minħabba li tirrigwarda s-sitwazzjoni skont id-dritt Olandiż, filwaqt li hija l-Isvizzera li hija kompetenti tittratta l-appell kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda skont id-dritt Svizzeru.

41. Dik is-sottomissjoni għandha tiġi miċħuda minħabba li tippreġudika r-risposta li għandha tingħata għad-domandi l-oħra magħmula.

42. Skont ġurisprudenza stabbilita huwa għall-qorti nazzjonali, li tkun qiegħda tisma' tilwima li għandha tiddeċiedi kemm dwar il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex hija tkun tista' tagħti sentenza, kif ukoll dwar ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja [25]. Barra minn hekk, f'din il-kawża l-isponsor tabilħaqq appella quddiem il-qorti tar-rinviju f'ismu proprju.

43. F'dan il-kuntest ngħaddi għall-kwistjoni dwar min għandu d-dritt ta' appell kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża skont l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

44. Dik id-dispożizzjoni tgħid b'mod ċar li "L-applikanti li tkun inċaħditilhom viża" għandu jkollhom id-dritt għall-appell [26]. Għalhekk, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, f'każ ta' ċaħda finali għal ħruġ ta' viża, dik id-dispożizzjoni espressament tagħti lil applikanti għal viża l-opportunità jifthu kawża skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li jkun ħa dik id-deċiżjoni [27].

20 Ara l-punt 1.7.3 tal-Programm ta' Den Haag, il-premessa 3 tal-Kodiċi dwar il-Viżi u l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita Kodiċi dwar il-Viżi, p. 2.

21 Ara l-orjentazzjonijiet ġenerali stabbiliti bil-Programm ta' Den Haag.

22 Konklużjonijiet 2/13 (L-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-KEDB) tat-18 ta' Diċembru 2014, EU:C:2014:2454, punt 191.

23 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-Kawża Koushkaki, C-84/12, EU:C:2013:232, punt 57.

24 Il-Kummissjoni reċentement ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li ftehimiet ta' rappreżentanza huma konformi mal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li fuqu huwa bbażat l-*acquis* ta' Schengen. Ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni anness mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi [Kodiċi dwar il-Viżi], COM(2018) 252 finali (iktar 'il quddiem il-"proposta tal-Kummissjoni li temenda l-Kodiċi dwar il-Viżi"), p. 7.

25 Ara, *inter alia*, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2012, Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne, C-41/11, EU:C:2012:103, punt 36.

26 Il-verżjoni Franċiża ta' dik id-dispożizzjoni hija wkoll ċara ("les demandeurs qui ont fait l'objet d'une décision de refus de visa peuvent former un recours contre cette décision") bħalma hija dik Olandiża, il-lingwa tal-proċedura f'din il-kawża ("Aanvragers aan wie een visum is geweigerd, kunnen in beroep gaan"). Il-Manwal tal-Viżi, li m'għandux effett legali li jorbot, juża l-istess kliem f'paġna 79: "applikanti li jkunu ġew miċħuda viża għandu jkollhom id-dritt ta' appell".

27 Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, El Hassani, C-403/16, EU:C:2017:960, punt 24.

45. Madankollu, il-Kodiċi dwar il-Viżi tħalli lill-Istati Membri ħielsa jippermettu lill-isponsor ta' applikant jibda, f'ismu proprju, azzjoni kontra tali deċiżjoni ta' ċaħda; jew tipprekludi dritt addizzjonali ta' azzjoni?

46. Ir-rikorrenti, il-Kummissjoni, il-Gvern Ċek, Estonjan, Olandiż u Svizzeru jqisu li tali dritt addizzjonali skont id-dritt nazzjonali huwa permissibbli. Huma jindikaw it-tieni sentenza tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, li tipprovdi li l-appelli "għandhom jitmexxew kontra l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni u skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru".

47. Il-Gvern Daniż, Taljan u Pollakk huma ta' fehma opposta. Għalihom l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jillimita kull dritt ta' appell għall-applikanti. Il-fatt li applikant ikollu sponsor ma jistax jibdel l-iskop tar-rimedji previsti fil-Kodiċi dwar il-Viżi.

48. Ma naċċettax din l-aħħar linja ta' argumenti.

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħalla għand l-Istati Membri l-inkarigu li jiddeċiedu dwar in-natura u l-kundizzjonijiet speċifiċi tar-rimedji li għandhom l-applikanti għal viżi. Fin-nuqqas ta' regoli tal-Unjoni dwar il-materja, huwa għall-ordinament ġuridiku nazzjonali ta' kull Stat Membru li jistabbilixxi regoli proċedurali għal azzjonijiet bil-ħsieb li jitħarsu d-drittijiet ta' individwi, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, bil-kundizzjoni, iżda, li dawk ir-regoli ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet domestiċi simili (il-prinċipju ta' ekwivalenza) u li ma jagħmlux eċċessivament diffiċli jew impossibbli fil-prattika l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mil-liġi tal-Unjoni (il-prinċipju ta' effettività) [28].

50. F'dan il-kuntest nenfasizza li l-Kodiċi dwar il-Viżi ma tiddefinixxix il-pożizzjoni ta' sponsors b'mod uniformi.

51. Id-dokument li jinvolvi lill-isponsor fil-proċedura biex tinkiseb visa (il-formola ta' sponsorjar) jitfassal minn kull Stat Membru [29]. Il-Kodiċi dwar il-Viżi ma tgħid xejn fl-Annessi dwar mudell ta' formola ta' sponsorjar —tabilħaqq tħalli fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk tkunx meħtieġa jew le formola ta' sponsorjar attwali (aktarx milli, pereżempju, ittra ta' sponsorjar). L-uniku rekwiżit huwa dwar il-lingwa: il-formula ta' sponsorjar (jekk ikun hemm waħda) għandha ssir mhux biss fil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat Membru kompetenti iżda għall-inqas f'lingwa uffiċjali oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 14(4).

52. Il-Kodiċi dwar il-Viżi hija siekta dwar kull avviż lill-isponsor dwar deċiżjonijiet għal ħruġ, ċaħda, revoka jew annullament ta' viża [30].

53. Il-Kodiċi dwar il-Viżi ma tagħtix definizzjoni tal-kwalitajiet li għandu jkollu sponsor; lanqas ma tistabbilixxi xi kundizzjonijiet li sponsor għandu jissodisfa. Il-Manwal tal-Viżi (infakkar hawnhekk li dan ma għandu ebda effett legali li jorbot, iżda huwa illustrazzjoni biss ta' kif il-Kummissjoni tinterpreta l-Kodiċi dwar il-Viżi) jindika li l-isponsors jistgħu jkunu mhux biss persuni fiżiċi iżda wkoll kumpanniji privati u kull persuna ġuridika oħra.

54. Fil-qosor, il-Kodiċi dwar il-Viżi kważi ma tgħid xejn dwar is-sitwazzjoni legali tal-isponsors. Isegwi li l-kwistjonijiet rilevanti jaqgħu fl-awtonomija proċedurali nazzjonali, bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

28 Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, El Hassani, C-403/16, EU:C:2017:960, punti 25 u 26.

29 Artikolu 14(4) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

30 Avviż lill-applikant huwa previst fl-Artikolu 32(2) tal-Kodiċi dwar il-Viżi (għal deċiżjonijiet ta' ċaħda) u fl-Artikolu 34(6) (għal deċiżjonijiet ta' revoka jew annullament ta' viża).

55. Fil-fehma tiegħi dan jinkludi l-possibbiltà li l-isponsors iressqu, f'isimhom proprju, appell kontra ċ-ċaħda ta' viża skont regoli proċedurali nazzjonali, kif jipprovdi l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

56. Inżid ngħid biss li dawk ir-regoli proċedurali nazzjonali għandhom jiżguraw li d-drittijiet ta' appell tal-isponsor (jekk ikun hemm) ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' appell għall-applikant għal viża kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda li tkun tirriżulta direttament mill-Kodiċi dwar il-Viżi. Madankollu, jekk applikant għal viża jkun diġà appella kontra deċiżjoni ta' ċaħda, ikun diffiċli wieħed jimmaġina kif l-isponsor ikun jista' jippreżenta t-tieni appell kontra l-istess deċiżjoni.

57. Huwa għall-qorti tar-rinviju, li hija biss hija kompetenti tinterpreta d-dritt nazzjonali, li tiddetermina jekk u sa fejn is-sistema ta' stħarriġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali tkunx tissodisfa dawk ir-rekwiżiti [31].

58. Għalhekk nikkonkludi li l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jagħtu lil sponsors ta' applikanti għal viża dritt ta' appell f'isimhom proprju kontra ċ-ċaħda ta' applikazzjoni għal viża. Dan id-dritt għandu, madankollu, ikun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' appell tal-applikant.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

59. Id-Domandi 2 u 3 huma eżaminati l-aħjar flimkien. Il-qorti tar-rinviju hemmhekk qed titlob gwida essenzjalment dwar liema Stat Membru għandu jitqies bħala li jkun qed jieħu d-deċiżjoni finali skont it-tifsira tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi f'ċirkustanzi fejn hemm fis-seħħ ftehim ta' rappreżentanza li jkun jawtorizza lill-Istat Membru rappreżentant jiċħad viża skont l-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

60. Il-Kodiċi dwar il-Viżi ma tagħtix definizzjoni tal-espressjoni "l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni finali" għaċ-ċaħda ta' viża (u, għalhekk, ikun kompetenti jilqa' appell kontra dik iċ-ċaħda) fil-kuntest ta' dik id-dispożizzjoni.

61. Skont il-ħtieġa ta' applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni u tal-prinċipju ta' ugwaljanza, il-kliem ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni, li ma jagħmel ebda referenza espressa għad-dritt tal-Istati Membri biex tiġi ddeterminata t-tifsira u l-iskop tagħha, għandu normalment jingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha, u dik l-interpretazzjoni għandha tqis, *inter alia*, il-kuntest ta' dik id-dispożizzjoni u l-għan segwit mir-regoli li minnhom tkun tagħmel parti [32].

62. Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ġew diskussi żewġ pożizzjonijiet dijametrikament opposti. Il-Gvern Ċek, Daniż, Estonjan, Franċiż, Olandiż, Pollakk u Svizzeru u l-Kummissjoni jissottomettu li meta jiġi konklużż arranġament ta' rappreżentanza bilaterali skont l-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, kollox jgħaddi għal għand l-Istat *rappreżentant*, kemm il-proċess innifsu ta' teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll il-mod kif jiġi ttrattat kull appell sussegwenti. Ir-rikorrenti u l-Gvern Taljan jissottomettu li d-deċiżjoni finali għandha tiġi attribwita lill-Istat Membru *rappreżentat* li, għalhekk, ikun kompetenti jittratta appelli kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda.

63. Inqis li meta jiġi konklużż ftehim ta' rappreżentanza skont l-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, il-kompetenza għal deċiżjoni fuq appell kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża tibqa' għand l-Istat Membru rappreżentat.

31 Ara, dwar dan, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, El Hassani, C-403/16, EU:C:2017:960, punt 31.

32 Sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Ahmed, C-369/17, EU:C:2018:713, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata.

64. Il-punt tat-tluq tal-analiżi tiegħi huwa l-kunċett tal-"Istat Membru kompetenti" biex jeżamina u jiddeċiedi dwar applikazzjoni għal viża, skont il-Kodiċi dwar il-Viżi. L-Artikolu 5(1) sa (3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jindika dak l-Istat Membru għal tipi differenti ta' viża. F'dan il-każ l-Istat Membru kompetenti huwa l-Istat li kien id-destinazzjoni waħdanija taż-żjara: il-Pajjiżi l-Baxxi. Skont ir-regola ġenerali dwar kompetenza territorjali konsulari introdotta bl-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, huwa għal konsulat ta' dak l-Istat Membru fil-pajjiż terz li fil-ġurisdizzjoni tiegħu l-applikant ikollu r-residenza legali tiegħu li jeżamina u jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni. Ikunu mbagħad l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru li kienu kompetenti jittrattaw appell kontra dik id-deċiżjoni skont l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Din hija r-regola ġenerali ta' kompetenza skont il-Kodiċi dwar il-Viżi.

65. Huwa wkoll dak li jiena niddeskrivi bħala "il-forum naturali" għal tali appell. Jaqbel mad-destinazzjoni waħdanija jew ewlenija tal-applikanti għal viża u mal-Istat Membru li miegħu jkollhom rabta għall-għanijiet tal-mawra qasira prevista fit-territorju tal-Istati Membri (il-ħaġa li tqegħidhom fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi).

66. F'dak il-kuntest ġenerali l-Artikolu 8 tal-Kodiċi dwar il-Viżi mbagħad jipprovdi għal arranġamenti ta' rappreżentanza bejn Stati Membri biex ikun żgurat li applikanti għal viżi jkunu jistgħu japplikaw lokalment [33], pjuttost milli jkollhom jivvjaġġaw lejn l-eqreb konsulat li jkun jipproċessa applikazzjonijiet għal viżi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huma jkunu jixtiequ jidħlu (li xi drabi jkun ifisser li huma jkollhom jivvjaġġaw distanzi twal — forsi, tabilħaqq, lejn pajjiż ieħor).

67. Iżda x'inhuma l-limiti ta' dik ir-rappreżentanza?

68. Meta l-Artikolu 8 jiddeskrivi l-iskop u l-forom li jista' jkollhom tali arranġamenti ta' rappreżentanza, huwa jispjega (fil-paragrafu 1) li "[s]tat Membru jista' jaqbel li jirrappreżenta Stat Membru ieħor *li hu kompetenti* skont l-Artikolu 5 għall-fini li jeżamina l-applikazzjonijiet u joħroġ il-viżi *f'isem dak l-Istat Membru*" (enfasi miżjuda) [34]. Alternattivament, ir-rappreżentanza tista' tkun limitata biss "għall-ġbir ta' applikazzjonijiet u għar-reġistrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi". F'dak il-każ, *a fortiori*, it-teħid ta' deċiżjonijiet kollu jibqa' għand l-Istat Membru rappreżentat.

69. L-Artikolu 8(2) imbagħad jipprevedi bħala standard tip ta' rappreżentanza li permezz tagħha, meta jkun qed jitqies jekk viża tiġix miċħuda, il-konsulat tal-Istat Membru rappreżentant ikun jeħtieġlu jissottometti l-applikazzjoni għal viża lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru rappreżentat, biex huma jkunu jistgħu jieħdu d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni. Huwa ċar li l-leġiżlatur tal-Unjoni oriġinarjament kien ippreveda li rappreżentanza skont l-Artikolu 8(2) kienet tkun ir-regola. Bħala eċċezzjoni, l-Artikolu 8(4)(d) jipprovdi għal tip ta' rappreżentanza li biha "b'deroga mill-paragrafu 2, [l-Istat Membru rappreżentat] għandu j[k]un jista' jawtorizza lill-konsulat tal-Istat Membru

33 Ara wkoll il-Premessa 4 tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

34 L-użu ta' kliem fl-Artikolu 8(1) li jindikaw li l-Istat rappreżentant ikun jaġixxi "f'isem" l-Istat rappreżentat jidher li huwa konsistenti fil-verżjonijiet lingwistiċi li jiena eżaminajt. Hekk, "Een lidstaat kan ermee instemmen een andere lidstaat die op grond van artikel 5 bevoegd is, te vertegenwoordigen voor het onderzoeken van aanvragen voor en de afgifte van visa *namens die lidstaat*" (Olandiż); "Un État membre peut accepter de représenter un autre État membre compétent au sens de l'article 5 en vue d'examiner les demandes et de délivrer les visas *pour le compte de cet autre État membre*" (Franċiż); "Ein Mitgliedstaat kann sich bereit erklären, einen anderen nach Artikel 5 zuständigen Mitgliedstaat bei der *im Namen dieses Mitgliedstaats* erfolgenden Prüfung von Anträgen und der Erteilung von Visa zu vertreten" (Ġermaniż); "Uno Stato membro può accettare di rappresentare un altro Stato membro che sia competente ai sensi dell'articolo 5 ai fini dell'esame delle domande e del rilascio dei visti *per conto di tale Stato*" (Taljan); "Um Estado-Membro pode aceitar representar outro Estado-Membro com competência nos termos do artigo 5.o para efeitos de análise de pedidos e de emissão de vistos *em nome desse Estado-Membro*" (Portugiż); "Un Estado miembro podrá aceptar representar a otro Estado miembro que sea competente con arreglo al artículo 5 a efectos de examinar las solicitudes y expedir los visados *en nombre de ese Estado miembro*" (Spanjol).

rappreżentant li *jiċħad il-ħruġ ta' viża* wara l-eżami tal-applikazzjoni." (enfasi miżjuda) [35]. Madankollu, ma hemm ebda suġġeriment li l-*kompetenza* (bħala distinta minn liema Stat Membru jipproċessa applikazzjoni) tkun b'hekk ittrasferita jew meħuda band'oħra. L-Istat Membru ddefinit bħala kompetenti mill-Artikolu 5 iżomm dik il-kompetenza għall-għanijiet speċifikati. L-Istat Membru rappreżentant ikun jaġixxi "f'isem" l-Istat Membru kompetenti.

70. Il-formola standard użata biex jintbagħat avviż (*inter alia*) ta' ċaħda ta' applikazzjoni għal viża (Anness VI tal-Kodiċi dwar il-Viżi), itenni l-kliem tal-Artikolu 8(1). Hekk li jibda bil-kliem, "L-Ambaxxata/Il-Konsulat Ġenerali/Il-Konsulat/[awtorità kompetenti oħra] ta' _____ fi _____ [*f'isem* (isem l-Istat Membru rappreżentat])" (enfasi miżjuda). Il-frażi fil-parentesi kwadri għandha ovvjament tkun inkluża fejn ikun hemm fis-seħħ arranġament ta' rappreżentanza [36]. Hija tkun hemm biex tgħarraf lill-applikant li l-Istat Membru rappreżentant ikun qed jieħu d-deċiżjoni ta' ċaħda bħala l-aġent jew ir-rappreżentant tal-Istat Membru kompetenti li jkun qed jiġi rrappreżentat.

71. Għalhekk isegwi minn analiżi tal-kliem u tal-iskema tal-Kodiċi dwar il-Viżi li (i) l-Istat Membru kompetenti biex joħroġ u jiċħad viżi jkun, *inter alia*, wieħed li t-territorju tiegħu jkun jikkostitwixxi d-destinazzjoni waħdanija taż-żjara (Artikolu 5); (ii) l-Istat Membru kompetenti jista' jkun irrappreżentat minn Stat Membru ieħor għal ġbir ta' applikazzjonijiet (Artikolu 8(1) *in fine*), ħruġ ta' viżi (Artikolu 8(1) u (2)) jew kemm għal ħruġ kif ukoll għal ċaħda ta' viżi (Artikolu 8(1) u (4)(d)); (iii) ir-regoli dwar kompetenza stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jikkostitwixxu l-bażi ta' arranġamenti ta' rappreżentanza u ma jinbidlux; (iv) meta jiċħad viża, l-Istat Membru rappreżentant jaġixxi "f'isem" l-Istat Membru rappreżentat (Artikolu 8(1) flimkien mal-Artikolu 8(4)).

72. F'dan il-kuntest ngħaddi għall-kwistjoni dwar liema awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru jkunu kompetenti għal appelli skont l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

73. L-Artikolu 32(1) u (2) jittrattaw, rispettivament, iċ-ċirkustanzi li fihom għandhom jiġu miċħuda viżi u l-avviż dwar tali ċaħda lill-applikant għal viża permezz tal-formola standard tal-Anness VI tal-Kodiċi dwar il-Viżi. L-Artikolu 32(3) jintroduċi d-dritt ta' appell għal applikant għal viża f'każ ta' ċaħda "kontra l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni".

74. Taħt "Kummenti" (minnufih qabel it-timbri uffiċjali u l-firma), il-formola standard tal-Anness VI tal-Kodiċi dwar il-Viżi tikkonkludi b'dan li ġej: "Il-persuna konċernata tista' tappella kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda/annullament/revoka ta' viża kif previst fil-liġi nazzjonali".

75. Jekk l-Istat Membru kompetenti jkun huwa stess preżenti permezz tal-konsulat tiegħu fil-pajjiż terz u huwa stess ikun jittratta l-applikazzjoni għal viża, il-proċedura hija ċara biżżejjed. L-Istat Membru kompetenti jeżamina l-applikazzjoni u jiddeċiedi jekk jagħtihiex jew jiċħadhiex. Dan isir f'ismu proprju billi jeżerċita l-kompetenza tiegħu skont l-Artikolu 5. Ismu jkun jidher, mingħajr ebda riżerva, fuq il-formola ta' ċaħda bħala l-Istat kompetenti; u jkun hemm appell skont l-Artikolu 32(3) fil-qrati tiegħu skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

35 Il-proposta tal-Kummissjoni li temenda l-Kodiċi dwar il-Viżi tipproponi li tħassar l-Artikolu 8(2) attwali tal-Kodiċi dwar il-Viżi biex "jiġi żgurat li l-Istat Membru rappreżentant ikun għalkollox responsabbli mill-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viżi f'isem l-Istat Membru rrappreżentat, u dan għandu jissimplifika l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viżi permezz ta' rappreżentanza u jkun konformi mal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li fuqu huwa bbażat l-*acquis* ta' Schengen" (p. 7). Dik il-proposta għadha mhijiex *lex lata*, u f'din il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tinterpreta l-Kodiċi dwar il-Viżi kif fis-seħħ fiż-żmien rilevanti. Ninnota, madankollu, li l-proposta għadha tirreferi għall-azzjonijiet tal-Istat Membru rappreżentant (li huwa "għalkollox responsabbli mill-*ipproċessar* ta' applikazzjonijiet għal viża") bħala li huma "*f'isem* l-Istat Membru rrappreżentat" (enfasi miżjuda).

36 Għal darb'oħra l-kliem tal-Anness VI jidher li huwa konsistenti fil-verżjonijiet lingwistiċi li jien eżaminajt. Hekk, "[namens (naam van de vertegenwoordigde lidstaat)]" (Olandiż); "[au nom de (nom de l'État membre représenté)]" (Franċiż); "[im Namen vom (Namen des vertretenen Mitgliedstaats)]" (Ġermaniż); "[a nome di (nome dello Stato membro rappresentato)]" (Taljan), "[em nome de (nome do Estado- Membro representado)]" (Portugiż), "[en nombre de (nombre del Estado miembro representado)]" (Spanjol).

76. Ovvjament, jekk ikun hemm fis-seħħ arranġament ta' rappreżentanza tat-tip tal-Artikolu 8(4)(d), l-Istat rappreżentant fil-fatt ikun qed jipproċessa l-applikazzjoni u jieħu d-deċiżjoni ta' ċaħda. Madankollu, huwa jkun qed jagħmel dan "f'isem" l-Istat Membru li jkun kompetenti jieħu dik id-deċiżjoni skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5.

77. L-Istat Membru rappreżentant jaġixxi bl-awtorità tal-Istat Membru rappreżentat: skont l-Artikolu 8(4)(d), arranġament bilaterali "għandu j(k)un jista' *jawtorizza* lill-konsulat tal-Istat Membru rappreżentant li jiċħad il-ħruġ ta' viża" (enfasi miżjuda). Dik id-deċiżjoni tkun tabilħaqq "id-deċiżjoni finali" imsemmija fl-Artikolu 32(3). Iżda l-Istat Membru rappreżentant ikun qed jaġixxi biss "f'isem" l-Istat Membru rappreżentat (Artikolu 8(1)). Kemm tkun limitata dik ir-rappreżentanza jkun ikkomunikat b'mod ċar lill-applikanti permezz tad-deċiżjoni ta' ċaħda (Anness VI tal-Kodiċi dwar il-Viżi). Għalhekk id-deċiżjoni finali tibqa' fil-kompetenza tal-Istat Membru rappreżentat u tkun b'mod ċar attribwita lill-Istat Membru rappreżentat fid-deċiżjoni ta' ċaħda nnotifikata lill-applikant għal viża. Għalhekk, l-Istat Membru rappreżentat jibqa' kompetenti fir-rigward ta' kull appell kontra dik id-deċiżjoni ta' ċaħda.

78. L-għan tal-Kodiċi dwar il-Viżi jsostni wkoll dan l-approċċ.

79. Ftehimiet ta' rappreżentanza jiġu konklużi preċiżament bil-għan li jkun evitat li applikanti għal viżi ma jkunux f'qagħda li jkollhom jagħmlu sforzi, ivvjaġġar u spejjeż sproporzjonati biex ikollhom aċċess għal konsulati [37]. Il-Kodiċi dwar il-Viżi, kif huwa ċar mill-premessa 29 tagħha, tħares id-drittijiet u l-prinċipji fundamentali rrikonoxxuti mill-Karta, u l-KEDB għandha tkun interpretata bl-istess mod [38]. It-trattament ta' applikanti għal viżi fl-Istati kollha li jipparteċipaw fl-*acquis* ta' Schengen huma preżunti li jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-Karta u tal-KEDB. [39]

80. Dan jinkludi protezzjoni ġudizzjarja effettiva bħala prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Unjoni li joriġina mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, u li kien ġie stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta u fl-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB [40].

81. Ir-rikonoxximent tal-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru rappreżentat li jittratta appelli jippermetti li applikanti għal viżi jkollhom aċċess għal dak li nqis li huwa l-"forum naturali" tagħhom" (ara l-punt 65 iktar 'il fuq), kif ukoll jirrifletti l-aħjar il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Din is-soluzzjoni tevita li applikanti għal viżi jkunu obbligati jappellaw quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru li miegħu ma jkollhomx rabta u li ma jkunx id-destinazzjoni tagħhom. Għalhekk tevita li huma jkun jeħtiġilhom jaħlu enerġija sproporzjonata biex ikollhom aċċess għal stħarriġ ġudizzjarju.

82. Fil-kuntest ta' din il-kawża din is-soluzzjoni għandha l-vantaġġ addizzjonali li tippermetti lill-qorti nazzjonali responsabbli titlob għal deċiżjoni preliminari mingħand din il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Is-soluzzjoni opposta jkollha bħala konsegwenza li l-qrati ta' Stat mhux membru tal-Unjoni jkunu kompetenti. Madankollu, dawk il-qrati ma jkollhomx il-possibbiltà jagħmlu talba għal deċiżjoni preliminari lil din il-Qorti tal-Ġustizzja; u l-mekkaniżmu stabbilit biex ikunu żgurati applikazzjoni u interpretazzjoni uniformi bil-ftehim ta' assoċjazzjoni ta' Schengen bejn l-Unjoni u l-l-Isvizzera [41] ma jkunx ekwivalenti għall-proċedura skont l-Artikolu 267 TFUE.

37 Premessa 4 tal-Kodiċi dwar il-Viżi u Artikolu 8(6).

38 Ara, dwar dan, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, El Hassani, C-403/16, EU:C:2017:960, punt 32.

39 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, N.S. *et*, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865,punt 80.

40 Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB, C-279/09, EU:C:2010:811, punt 29.

41 Ara l-punti 18 sa 20 iktar 'il fuq.

83. Barra minn hekk il-Kodiċi dwar il-Viżi hija maħsuba biex tipprovdi koerenza u trattament ugwali bejn l-applikanti[42]. Sitwazzjoni fejn applikazzjonijiet għal viżi għal żjara fl-istess Stat Membru (pereżempju, il-Pajjiżi l-Baxxi) jistgħu jiġu miċħuda minn konsulati ta' Stati Membri differenti mad-dinja kollha abbażi ta' ftehimiet ta' rappreżentanza konklużi skont l-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, li jkunu jgħidu li appelli kontra dawk id-deċiżjonijiet għandhom jitressqu quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri rappreżentanti differenti, tista' toħloq riskju ta' trattament differenti ta' appelli minn applikanti li jkunu jixtiequ jżuru l-istess Stat Membru.

84. Inżid ngħid li jistgħu jinqalgħu wkoll diffikultajiet prattiċi jekk Stat Membru partikolari jkollu netwerk mifrux sewwa ta' konsulati. Xi drabi huwa jista' jkun l-Istat Membru waħdani b'konsulat f'pajjiż partikolari. Pereżempju Franza hija l-uniku Stat Membru li hemm fi Djibouti u tirrappreżenta 17-il Stat Membru ieħor hemm għal applikazzjonijiet għal viżi[43]. Jekk (kuntrarjament għall-analiżi tiegħi), Franza kellha titqies li kienet saret l-Istat Membru kompetenti u li kienet tieħu d-deċiżjonijiet finali ta' ċaħda ta' applikazzjonijiet għal viżi, il-qrati Franċiżi kienu mbagħad ikunu responsabbli biex jiddeċiedu dwar appelli kontra deċiżjonijiet ta' ċaħda li kienu jaffettwaw applikanti għal viżi li kienu jixtiequ jżuru 17-il pajjiż differenti.

85. Għalhekk nikkonkludi li fejn ikun hemm fis-seħħ arranġament ta' rappreżentanza li jkun jawtorizza lill-Istat Membru rappreżentant jiċħad viża skont l-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, l-Istat Membru rappreżentat ikun l-Istat Membru li jieħu d-deċiżjoni finali skont it-tifsira tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. L-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru rappreżentat ikunu, għalhekk, kompetenti jiddeċiedu appelli kontra dik id-deċiżjoni ta' ċaħda.

Fuq ir-raba' domanda

86. Ir-raba' domanda essenzjalment tistaqsi jekk interpretazzjoni tal-Artikoli 8(4)(d) u 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi li jgħidu li huwa l-Istat Membru rappreżentant li huwa kompetenti jittratta appelli kontra deċiżjonijiet ta' ċaħda hijiex konsistenti ma' protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif imsemmi fl-Artikolu 47 tal-Karta.

87. Din id-domanda ssir rilevanti biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li huwa l-Istat rappreżentant li huwa kompetenti jittratta appelli kontra deċiżjonijiet ta' ċaħda skont l-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Indikajt li, fil-fehma tiegħi, l-interpretazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet jiġifieri li huwa l-Istat Membru *rappreżentat* li huwa kompetenti jiddeċiedi dwar appelli kontra deċiżjonijiet ta' ċaħda ta' viża hija s-soluzzjoni li tħares id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva stabbilita fl-Artikolu 47 tal-Karta. Fil-fehma tiegħi, għalhekk, ma hemmx bżonn li titqies iktar minn hekk ir-raba' domanda.

Konklużjoni

88. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tagħti risposta għad-domandi magħmula mir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats Utrecht (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag seduta f'Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) kif ġej:

– L-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jagħtu lill-isponsors ta' applikanti għal viżi dritt ta' appell f'isimhom proprju kontra ċ-ċaħda ta' applikazzjoni għal viża. Dan id-dritt għandu, madankollu, jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' appell tal-applikant.

42 Ara l-punti 36 u 37 iktar 'il fuq.

43 Ara r-rivista tal-missjonijiet diplomatiċi u uffiċċji konsulari ta' Stati Membri li huma responsabbli għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viżi u arranġamenti ta' rappreżentanza skont l-Artikolu 8(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, dokument datat 15 ta' Jannar 2018, disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni Ewropea.

– Għalhekk nikkonkludi li fejn ikun hemm fis-seħħ arranġament ta' rappreżentanza li jkun jawtorizza lill-Istat Membru rappreżentant jiċħad viża skont l-Artikolu 8(4)(d) tar-Regolament Nru 810/2009, l-Istat Membru rappreżentat ikun l-Istat Membru li jieħu d-deċiżjoni finali skont it-tifsira tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament Nru 810/2009. L-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru rappreżentat ikunu, għalhekk, kompetenti jiddeċiedu dwar appelli kontra dik id-deċiżjoni ta' ċaħda.